

ANNEX I

Rikors għal Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet

(L-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) Nru 655/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jistabbixxi proċedura ta' Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet sabiex jiġi ffaċilitat l-irkupru transkonfinali tad-dejn f'materji ċivili u kummerċjali

Għandha timtela mill-qorti

Numru tal-każ:

Data ippreżentata:(jj/xx/ssss):

INFORMAZZJONI IMPORTANTI

JEKK JOGĦĠBOK AQRA L-LINJI GWIDA FIL-BIDU TA' KULL TAQSIMA — DAWN GĦANDHOM JGĦINUK TIMLA' DIN IL-FORMOLA

Lingwa

Imla' din il-formola bil-lingwa tal-qorti tal-Istat Membru li lulu tkun qiegħed tibgħat ir-rikors tiegħek. L-attenzjoni tiegħek tingħibed lejn il-fatt li l-formola hija disponibbli fit-23 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fuq is-sit web tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika fl-indirizz https://e-justice.europa.eu/content_european_account_preservation_order... u tista' timtela' wkoll onlajn. Il-verżjoni lingwistika li inti familjari magħha tista' tgħinek biex timla' l-formola bil-lingwa meħtieġa tal-qorti tal-Istat Membru kkonċernat. Fuq is-sit web tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika ssib ukoll informazzjoni dwar jekk Stat Membru partikolari ikunx se jaċċetta, skont l-Artikolu 50(1)(o) tar-Regolament (UE) Nru 655/2014, d-dokumenti li għandhom jiġu indirizzati lill-qorti f'lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni Ewropea.

Dokumenti ġustifikattivi

Mal-formola tar-rikors jeħtieġ li jiġu ppreżentati d-dokumenti ġustifikattivi kollha rilevanti. Jekk tkun diġà ksibt sentenza, transazzjoni ġudizzjarja permezz tal-qorti jew strument awtentiku, jekk jogħġbok ehmeż kopja ta' dik is-sentenza, transazzjoni ġudizzjarja permezz tal-qorti jew strument awtentiku li tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa biex tiġi stabbilita l-awtenticietà tagħhom.

Kodiċijiet tal-pajjiż

Kull meta tirreferi għal Stat Membru meta tkun qiegħed timla' din il-formola, jekk jogħġbok uża l-kodiċijiet tal-pajjiż kif ġej:

AT L-Awstrija	EL Il-Greċja	IT L-Italja	PT Il-Portugall
BE Il-Belġju	ES Spanja	LT Il-Litwanja	RO Rumanija
BG Bulgarija	FI Il-Finlandja	LU Il-Lussemburgu	SE L-Iżvezja
CY Ċipru	FR Franza	LV Il-Latvja	SI Is-Slovenja
CZ Ir-Repubblika Ċeka	HR il-Kroazja	MT Malta	SK L-Islovakkja
DE Il-Ġermanja	HU L-Ungerija	NL L-Olanda	
EE L-Estonja	IE L-Irlanda	PL Il-Polonja	

Fejn f'din il-formola ikun possibbli li jiġi miżjud test liberu, u meta l-formola tkun qiegħda timtela' fuq il-karta, jekk jogħġbok uża paġni addizzjonali jekk ikun meħtieġ u innumera kull paġna.

1. Il-Qorti

L-attenzjoni tiegħek tingħibed lejn il-fatt li inti tista' tapplika biss għal Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet ("l-Ordni ta' Preservazzjoni") jekk il-qorti tkun tinsab fi Stat Membru fejn japplika r-Regolament (UE) Nru 655/2014. Bħalissa dan mhuwiex il-każ tad-Danimarka u tar-Renju Unit.

F'din il-parti għandek tidentifika l-qorti li quddiemha tkun tixtieq tressaq ir-rikors tiegħek għal Ordni ta' Preservazzjoni. Meta tiddeċiedi liema qorti se tagħżel, għandek tqis x'inhuma r-raġunijiet li jagħtu ġurisdizzjoni lill-qorti.

Jekk tkun għadek ma ksibt sentenza, transazzjoni ġudizzjarja permezz tal-qorti jew strument awtentiku li jkun tobbliga lid-debitur biex iħallas il-pretensjoni tiegħek, il-ġurisdizzjoni għall-ħruġ ta' Ordni ta' Preservazzjoni tkun tal-qorti tal-Istat Membru li jkollhom ġurisdizzjoni fuq il-mertu tal-kwistjoni f'konformità mar-regoli applikabbli. Dawn jinkludu, b'mod partikolari, ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tat-12 ta' Diċembru 2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-

ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali kif ukoll ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment. Fis-sit web tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika fl-indirizz <https://e-justice.europa.eu> tista' ssib aktar informazzjoni dwar ir-regoli tal-ġuriżdizzjoni. Fit-taqsimha 5 ta' din il-formula hemm lista tar-raġunijiet li jagħtu ġuriżdizzjoni.

Għall-iskopijiet tar-Regolament (UE) Nru 655/2014, il-proċedimenti dwar il-mertu tal-kwistjoni jkopru kwalunkwe proċediment li għandu l-għan li jikseb titolu eżekuttivdwar il-pretensjoni sottostanti tiegħek, pereżempju, proċedimenti sommarji li jikkonċernaw ordnijiet għal pagament u proċedimenti bħal ma hija l-“procédure de référé” fi Franza.

Jekk id-debitur ikun konsumatur li jkun ikkonkluda kuntratt miegħek għal skop li jista' jitqies bħala li jkun lil hinn min-negozju jew professjoni tiegħu, huma biss il-qrati tal-Istat Membru li fih id-debitur huwa domiċiljat li jkunu jistgħu joħorġu Ordni ta' Preservazzjoni.

Jekk tkun diġà ksibt sentenza jew transazzjoni ġudizzjarja permezz tal-qorti li tobbliga lid-debitur iħallas il-pretensjoni tiegħek, il-ġuriżdizzjoni għall-ħruġ ta' Ordni ta' Preservazzjoni tkun tal-qrati tal-Istat Membru li fih tkun inħarġet is-sentenza jew tkun ġiet approvata jew konkluża t-transazzjoni ġudizzjarja permezz tal-qorti.

Jekk tkun diġà ksibt strument awtentiku, il-ġurisdizzjoni għall-ħruġ ta' Ordni ta' Preservazzjoni għall-pretensjoni speċifikata f'dak l-istrument hija tal-qrati nnominati għal dak l-iskop fl-Istat Membru li fih ikun tfassal dak l-istrument.

Kif tkun identifikajt f'liema Stat Membru għandek tressaq il-pretensjoni tiegħek, tista' ssib l-ismijiet u l-indirizzi tal-qrati kompetenti għall-Ordni ta' Preservazzjoni fuq is-sit web tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika fl-indirizz https://e-justice.europa.eu/content_european_account_preservation_order... Fil-Portal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika tista' ssib ukoll xi informazzjoni dwar il-ħlas tat-taxxa tal-qorti fi proċedimenti biex jinkiseb Ordni ta' Preservazzjoni fl-Istat Membru kkonċernat.

1. Il-qorti li quddiemha tkun qiegħed tressaq ir-rikors tiegħek

1.1. Isem:

1.2. Indirizz

1.2.1. Triq u numru/kaxxa postali:

1.2.2. Post u kodiċi postali:

1.2.3. Stat Membru (jekk jogħġbok speċifika l-kodiċi tal-pajjiż):

2. Kreditur

L-attenzjoni tiegħek tingħbed lejn il-fatt li inti tista' tapplika għal Ordni ta' Preservazzjoni biss jekk inti tkun domiċiljat fi Stat Membru fejn japplika r-Regolament (UE) Nru 655/2014. Bħalissa dan mhux il-każ tad-Danimarka u tar-Renju Unit. Din il-parti għandha tidentifikak bħala l-kreditur kif ukoll tindika r-rappreżentant legali tiegħek, jekk ikollok wieħed. L-attenzjoni tiegħek tingħbed lejn il-fattli mintix obligat li tkun rappreżentat minn avukat jew professjonista legali ieħor. F'ċerti Stati jista' ma jkunx biżżejjed li tindika biss kaxxa postali bħala indirizz (fejn disponibbli), u għandek għalhekk tinkludi l-isem tat-triq u n-numru flimkien ma' kodiċi postali.

2. Dettalji tal-kreditur

2.1. Kunjom u l-isem/ismijiet tal-kumpanija jew tal-organizzazzjoni:

2.2. Indirizz

2.2.1. Triq u numru/kaxxa postali:

2.2.2. Post u kodiċi postali:

2.2.3. Stat Membru (jekk jogħġbok speċifika l-kodiċi tal-pajjiż):

2.3. Telefown: (*)

2.4. Faks: (*)

2.5. Indirizz tal-posta elettronika (jekk disponibbli):

2.6. Isem ir-rappreżentant tal-kreditur, jekk ikun hemm, u d-dettalji fejn jista' jiġi kkuntattjat:

2.6.1. Kunjom u isem/ismijiet mogħti/ja:

2.6.2. Indirizz

2.6.2.1. Triq u numru/kaxxa postali:

2.6.2.2. Post u kodiċi postali:

2.6.2.3. Pajjiż (jekk Stat Membru, jekk jogħġbok speċifika l-kodiċi tal-pajjiż):

2.6.3. Indirizz tal-posta elettronika (jekk disponibbli):

2.7. Jekk il-kreditur ikun persuna fiżika:

2.7.1. Data tat-twelid:

2.7.2. In-numru ta' identifikazzjoni jew tal-passaport (jekk applikabbli u disponibbli):

2.8. Jekk il-kreditur ikun persuna ġuridika jew xi entità oħra li jkollha kapaċità ġuridika li tħarrek jew titħarrek skont il-liġi ta' Stat Membru:

2.8.1. Il-pajjiż ta' inkorporazzjoni, formazzjoni jew reġistrazzjoni (jekk Stat Membru, jekk jogħġbok speċifika l-kodiċi tal-pajjiż):

2.8.2. In-numru ta' identifikazzjoni jew ta' reġistrazzjoni jew, fejn dak in-numru ma jeżistix, id-data u l-post tal-inkorporazzjoni, il-formazzjoni, jew ir-reġistrazzjoni tagħha:

3. Debitur

F'din it-taqsimha għandek tidentifika lid-debitur u, jekk ikun magħruf, ir-rappreżentant legali tad-debitur. Innota li mhux obligatorju li d-debitur ikun rappreżentat minn avukat jew minn professjonista legali ieħor.

F'ċerti Stati jista' ma jkunx biżżejjed li tindika biss kaxxa postali bħala indirizz (fejn disponibbli), u għandek għalhekk tinkludi l-isem tat-triq u n-numru flimkien ma' kodiċi postali.

3. Dettalji tad-debitur

3.1. Kunjom u isem(ijiet) (inklużi l-ismijiet tan-nofs jekk ikun hemm)/isem il-kumpanija jew l-organizzazzjoni:

3.2. Indirizz

3.2.1. Triq u numru/kaxxa postali:

3.2.2. Post u kodiċi postali:

3.2.3. Pajjiż (jekk Stat Membru, jekk jogħġbok speċifika l-kodiċi tal-pajjiż):

3.3. Telefown: (*)

3.4. Faks: (*)

3.5. Indirizz tal-posta elettronika (jekk disponibbli):

3.6. Isem ir-rappreżentant tad-debitur, jekk ikun hemm u jekk ikun magħruf, u d-dettalji fejn jista' jiġi kkuntattjat, jekk ikunu disponibbli

3.6.1. Kunjom u isem/ismijiet mogħti/ja:

3.6.2. Indirizz

3.6.2.1. Triq u numru/kaxxa postali:

3.6.2.2. Post u kodiċi postali:

3.6.2.3. Pajjiż (jekk Stat Membru, jekk jogħġbok speċifika l-kodiċi tal-pajjiż):

3.6.3. Posta elettronika:

3.7. Jekk id-debitur ikun persuna fiżika, u jekk din l-informazzjoni tkun disponibbli:

3.7.1. Data tat-twelid:

3.7.2. Numru tal-identifikazzjoni jew tal-passaport:

3.8. Jekk id-debitur ikun persuna ġuridika jew xi entità oħra li jkollha kapaċità ġuridika li tħarrek jew titħarrek skont il-liġi ta' Stat Membru:

3.8.1. Il-pajjiż ta' inkorporazzjoni, formazzjoni jew reġistrazzjoni (jekk Stat Membru, jekk jogħġbok speċifika l-kodiċi tal-pajjiż):

3.8.2. In-numru ta' identifikazzjoni jew ta' reġistrazzjoni jew, fejn dak in-numru ma jeżistix, id-data u l-post tal-inkorporazzjoni, il-formazzjoni, jew ir-reġistrazzjoni tagħha:

4. Natura transkonfinali tal-każ

Sabiex tkun tista' tuża l-proċedura tal-Ordni ta' Preservazzjoni, il-kawża tiegħek trid tkun ta' natura transkonfinali. Għall-finijiet tar-Regolament (UE) Nru 655/2014, każ ikun ta' natura transkonfinali skont l-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament jekk il-kont jew il-kontijiet bankarji li għandhom jiġu ppreservati mill-Ordni ta' Preservazzjoni jinżammu fi Stat Membru li ma jkunx: (a) l-Istat Membru tal-qorti li quddiemha jitressaq ir-rikors għall-Ordni ta' Preservazzjoni; jew (b) l-Istat Membru li fih il-kreditur ikun domiċiljat.

4. Natura transkonfinali tal-każ

4.1. L-Istat Membru li fih il-kreditur ikun domiċiljat (jekk jogħġbok indika l-kodiċi tal-pajjiż):

4.2. L-Istat(i) Membru/i fejn ikun(u) miżmum(a) il-kont(ijiet) bankarju/i (jekk jogħġbok indika l-kodiċi(ijiet) tal-pajjiż(i)):

4.3. L-Istati Membru tal-qorti li quddiemha tressaq ir-rikors għal Ordni ta' Preservazzjoni (jekk jogħġbok indika l-kodiċi tal-pajjiż):

5. Ġuriżdizzjoni

Jekk jogħġbok imla' din is-sezzjoni biss jekk ma tkunx għadek ksibt sentenza, transazzjoni ġudizzjarja permezz tal-qorti jew strument awtentiku kontra d-debitur li permezz tiegħu d-debitur ikun obligat iħallas il-pretensjoni tiegħek. Jekk għandek mid-dokumenti msemmija, jekk jogħġbok mur fit-taqsimha 6.

F'din it-taqsimha, jekk jogħġbok agħti d-dettalji għaliex tqis li l-qorti li lilha tkun indirizzajt ir-rikors għal Ordni ta' Preservazzjoni għandha ġuriżdizzjoni biex tismal-każ. Kif stabbilit fit-taqsimha 1, qorti tkun kompetenti biex toħroġ Ordni ta' Preservazzjoni jekk ikollha ġuriżdizzjoni fuq is-sustanza tal-kwistjoni. Din li ġejja hija lista tar-raġunijiet għall-ġuriżdizzjoni.

5. Għal liema raġuni taħseb li l-qorti għandha ġuriżdizzjoni?

- 5.1. id-domiċilju tad-debitur jew, jekk ikun hemm responsabbiltà in solidum, id-domiċilju ta' wieħed mid-debituri
- 5.2. il-post tat-twettiq tal-obbligazzjoni kkonċernata
- 5.3. il-post fejn ikun seħħ it-tort

- 5.4. l-għażla tal-qorti maqbula bejn il-partijiet
- 5.5. id-domiċilju tal-kreditur li jagħti l-manteniment
- 5.6. meta l-pretensjoni tirriżulta mill-operazzjonijiet ta' fergħa, aġenzija jew stabbiliment ieħor, il-post li fih ikunu jinsabu l-fergħa, l-aġenzija jew l-istabbiliment ieħor
- 5.7. id-domiċilju tal-fond fiduċjarju
- 5.8. meta tqum tilwima li tikkonċerna l-pagament ta' rimunerazzjoni mitlub fir-rigward tas-salvataġġ ta' merkanzija, il-post tal-qorti li taħt l-awtorità tagħha l-merkanzija tkun għet jew setgħet tkun għet imwaqqfa
- 5.9. id-domiċilju tad-detentur tal-polza ta' assigurazzjoni, tal-assigurat jew tal-benefiċjarju fi kwistjonijiet ta' assigurazzjoni
- 5.10. id-domiċilju tal-konsumatur
- 5.11. il-post fejn l-impjegat iwettaq xogħlu
- 5.12. il-post li fih ikun jinsab in-negozju li jħaddem lill-impjegat
- 5.13. il-post fejn tkun tinsab il-proprjetà immobbli
- 5.14. oħrajn

Jekk jogħġbok iddeskrivi l-elementi rilevanti li jsostnu l-ġuriżdizzjoni magħżula fil-punti 5.1. sa 5.14:

Inti diġà beda proċedimenti kontra d-debitur dwar il-mertu tal-kwistjoni?

Jekk jogħġbok indika l-isem u l-indirizz tal-qorti (it-triq u numru/il-kaxxa postali, il-post u l-kodiċi postali, l-Istat Membru) u, jekk disponibbli, in-numru tat-telefon u l-indirizz elettroniku tal-qorti, kif ukoll in-numru tal-każ:

Iva. Jekk jogħġbok indika l-isem u l-indirizz tal-qorti (it-triq u numru/il-kaxxa postali, il-post u l-kodiċi postali, l-Istat Membru) u, jekk disponibbli, in-numru tat-telefon u l-indirizz elettroniku tal-qorti, kif ukoll in-numru tal-każ:

Le

L-attenzjoni tiegħek tingħibed lejn il-fattli jekk tapplika għal Ordni ta' Preservazzjoni qabel ma tibda proċedimenti dwar il-mertu tal-kwistjoni, trid tibda dawk il-proċedimenti u tipprovdi lill-qorti prova li nbdew fi żmien 30 jum mid-data li fiha tkun ippreżentajt ir-rikors tiegħek jew fi żmien 14-il jum mid-data tal-ħruġ tal-Ordni ta' Preservazzjoni, skont liema data tkun l-aktar tard.

6. Dettalji dwar il-kont bankarju tad-debitur

Sabiex jiġu ffrankati l-ħin u l-ispejjeż, huwa importanti li tipprovdi l-informazzjoni kollha li jkollok dwar il-kont bankarju tad-debitur. Jekk ma jkollokx in-numru tal-kont jew kontijiet bankarji tad-debitur, huwa biżżejjed li tagħti l-isem u l-indirizz tal-bank fejn id-debitur ikollu kont jew diversi kontijiet jew numru bħal ma hu l-BIC li permezz tiegħu l-bank jiġi identifikat. Madankollu, jekk ikollok id-dettalji tal-kont jew kontijiet bankarji tad-debitur (pereżempju, numru tal-kont jew IBAN), inti għandek tipprovdi dawn id-dettalji. Dan huwa sabiex jiġi evitat ir-riskju li l-bank ma jkunx jista' jimplementa l-Ordni ta' Preservazzjoni minħabba li ma jkunx jista' jidentifika b'ċertezza l-kont jew il-kontijiet tad-debitur. Jekk tkun tista' tindika n-numru ta' wieħed biss mill-kontijiet tad-debitur iżda tkun trid ukoll tippreserva xi kont ieħor li jkollu d-debitur mal-istess bank (pereżempju, ikollok biss in-numru tal-kont kurrenti tad-debitur iżda tkun trid ukoll tippreserva xi kontijiet ta' tiffidil miżmuma mid-debitur mal-istess bank), immarka l-kaxxa fil-punt 6.7.

Jekk ma tkunx taf ma' liema bank ikollu kont id-debitur tiegħek iżda jkollok raġuni biex taħseb li d-debitur għandu kont wieħed jew aktar fi Stat Membru speċifiku u int tkun diġà ksibt sentenza, transazzjoni ġudizzjarja permezz tal-qorti jew strument awtentiku li jobbliga lid-debitur biex jħallas il-pretensjoni tiegħek, inti tista' titlob lill-qorti li quddiemha tkun qiegħed tippreżenta ir-rikors għall-Ordni ta' Preservazzjoni biex titlob li l-awtorità tal-informazzjoni fl-Istat(i) Membru/i fejn ikun stabbilit il-kont tikseb l-informazzjoni meħtieġa biex tidentifika l-bank u l-kont jew il-kontijiet tad-debitur fl-Istat Membru. F'dan il-każ, jekk jogħġbok mur fit-taqsimha 7 fejn hemm aktar dettalji dwar il-kundizzjonijiet biex issir talba ta' dan it-tip. F'każ li tkun diġà taf id-dettalji ta' wieħed jew aktar mill-kontijiet bankarji tad-debitur iżda jkollok raġuni biex taħseb li d-debitur ikollu wkoll kont wieħed jew aktar fi Stat Membru speċifiku u ma tkunx taf id-dettalji tal-aħħar kont(ijiet), inti tista' — fl-istess rikors għal Ordni ta' Preservazzjoni — tagħti d-dettalji tal-kont bankarju tad-debitur li jkun magħruf għalik (f'dan il-każ, imla' t-taqsimha 6) u, fl-istess ħin, tressaq talba biex tikseb informazzjoni dwar kont(ijiet) oħra fi Stat Membru speċifiku (f'dan il-każ, jekk jogħġbok imla' wkoll it-taqsimha 7).

L-attenzjoni tiegħek tingħibed lejn il-fatt li r-Regolament (UE) Nru 655/2014 ma japplikax għall-preservazzjoni ta' kontijiet bankarji li jkun fihom strumenti finanzjarji (l-Artikolu 4(3) tar-Regolament).

Jekk tkun trid tippreserva kontijiet f'aktar minn bank wieħed, jekk jogħġbok ipprovdni l-informazzjoni ta' hawn taħt għal kull bank ikkonċernat. Meta tkun qed timla' l-formola fuq il-karta, jekk jogħġbok uża folji separati għal kull kont bankarju u innumera kull paġna.

6. Dettalji dwar il-kont bankarju tad-debitur

6.1. L-Istat Membru fejn ikun jinżamm il-kont (jekk jogħġbok indika l-kodiċi tal-pajjiż):

6.2. Numru li permezz tiegħu jkun jista' jiġi identifikati il-bank, bħal

IBAN:

jew

BIC:

u/jew l-isem u l-indirizz tal-bank (triq u numru/tal-kaxxa postali, post u kodiċi postali):

6.3. Numru tat-telefown tal-bank: (*)

6.4. Numru tal-faks tal-bank: (*)

6.5. Posta elettronika tal-bank (jekk disponibbli):

6.6. In-numru tal-kont/ijiet li għandhom jiġu ppreservati, jekk disponibbli:

6.7. Hemm xi kontijiet oħra miżmuma mid-debitur mal-istess bank li għandhom jiġu ppreservati wkoll?

Iva

Le

6.8. Dettalji oħra dwar it-tip ta' kont, jekk disponibbli:

7. Talba għall-kisba ta' informazzjoni dwar il-kont

Jekk ma jkollokx informazzjoni dwar l-bank li miegħu d-debitur ikollu kont wieħed jew aktar, u lanqas xi numru tal-kont, u inti tkun diġà ksibt, fi Stat Membru sentenza eżekuttiva, transazzjoni ġudizzjarja permezz tal-qorti jew strument awtentiku li jobbliga lid-debitur iħallas il-pretensjoni tiegħek, tista' titlob li l-awtorità tal-informazzjoni tal-Istat Membru fejn int għandek għaliex taħseb li jkun jinsabu xi kont jew aktar tad-debitur, biex tikseb l-informazzjoni meħtieġa.

Jekk jogħġbok kun af li inti tista' tagħmel talba biex tikseb l-informazzjoni tal-kont biss fil-każ ta' kontijiet miżmuma fi Stat Membru fejn japplika r-Regolament (UE) Nru 655/2014. Bħalissa dan mhuwiex il-każ tad-Danimarka u r-Renju Unit.

Bħala regola ġenerali, it-talba biex tinkiseb informazzjoni dwar il-kont hija disponibbli fil-każ ta' sentenzi, transazzjoni ġudizzjarja permezz tal-qorti jew strumenti awtentiċi li huma diġà eżekuttivi.

Meta s-sentenza, it-transazzjoni ġudizzjarja permezz tal-qorti jew l-istrument awtentiku ma jkunux għadhom infurzabbli, it-talba għall-informazzjoni dwar il-kontijiet tkun tista' ssir biss jekk ikunu ssodisfati xi kundizzjonijiet addizzjonali. Skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 655/2014, dawk il-kundizzjonijiet huma kif ġej: l-ammont li għandu jiġi ppreservat ikun sostanzjali anki meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi rilevanti u l-kreditur ikun ippreżenta biżżejjed evidenza biex jissoddisfa lill-qorti li jkun hemm ħtieġa urġenti għal informazzjoni dwar il-kont għaliex ikun hemm riskju li, mingħajr l-informazzjoni dwar il-kont, l-eżekuzzjoni sussegwenti tal-pretensjoni tal-kreditur kontra d-debitur x'aktarx tkun ippreġudikata u li dan konsegwentement jista' jwassal għal deterjorament sostanzjali tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-kreditur. Jekk inti tissodisfa dawk il-kundizzjonijiet agħti l-informazzjoni rilevanti fil-punt 10.2.

Huwa importanti li inti tiġġustifika fit-talba tiegħek għaliex ikollok raġuni biex temmen li d-debitur ikollu kont wieħed jew aktar fi Stat Membru partikolari u li ttiprovdni lill-qorti l-informazzjoni kollha rilevanti li jkollok dwar id-debitur u l-kont jew il-kontijiet li għandhom ikunu preservati. L-attenzjoni tiegħek tinġibed lejn il-fatt li din il-proċedura tista' tieħu xi ftit taż-żmien u jista' jkollok tħallas xi tariffa biex tikseb din l-informazzjoni.

Jekk tkun trid tippreżerva kontijiet f'aktar minn Stat Membru wieħed, jekk jogħġbok ipprovdni l-informazzjoni ta' hawn taħt għal kull Stat Membru kkonċernat (meta timla' l-formola fuq il-karta, jekk jogħġbok uża folji separati u innumera kull paġna).

7. Talba għall-kisba ta' informazzjoni dwar il-kont

7.1. Għandi sentenza, transazzjoni ġudizzjarja permezz tal-qorti jew strument awtentiku li jobbliga lid-debitur iħallas il-pretensjoni tiegħi u jien qiegħed nitlob li l-awtorità tal-informazzjoni tal-Istat Membru fejn ikun jinsab il-kont tal-bank tipprova tikseb l-informazzjoni meħtieġa biex il-bank jew banek il-kont(ijiet) tad-debitur ikunu jistgħu jiġu identifikati.

7.2. L-Istat/i Membru fejn ikun hemm suspett li jkun(u) jinsab(u) (i)l-kont(ijiet) bankarju/i (jekk jogħġbok indika l-kodiċi tal-pajjiż):

7.3. Jekk jogħġbok spjega għalfejn għandek raġuni biex temmen li d-debitur għandu kont wieħed jew aktar f'dak l-Istat Membru (jekk jogħġbok immarka l-kaxxa/i rilevanti):

Id-debitur għandu r-residenza abitwali tiegħu f'dak l-Istat Membru. Jekk jogħġbok agħti d-dettalji rilevanti.

Id-debitur jaħdem jew għandu attività professjonali f'dak l-Istat Membru. Jekk jogħġbok agħti d-dettalji rilevanti.

Id-debitur għandu proprjetà f'dak l-Istat Membru. Jekk jogħġbok agħti d-dettalji rilevanti.

Oħrajn Jekk jogħġbok spjega:

7.4. Is-sentenza, it-transazzjoni ġudizzjarja permezz tal-qorti jew l-istrument awtentiku li titlob lid-debitur iħallas il-pretensjoni tiegħi hija eżekuttiva:

Iva

Le. Jekk jogħġbok ipprova, fil-punt 10.2, informazzjoni addizzjonali li tiġġustifika l-ħtieġa urġenti għal informazzjoni dwar il-kontijiet.

8. Sentenza, tranżazzjoni ġudizzjarja jew strument awtentiku eżistenti

Jekk jogħġbok imla' din it-taqsimha biss jekk tkun diġà ksibt sentenza, transazzjoni ġudizzjarja permezz tal-qorti jew strument awtentiku li titlob lid-debitur iħallas il-pretensjoni tiegħek. Inkella, mur fit-taqsimha 9.

L-attenzjoni tiegħek tinġibed lejn il-fatt li l-ammont indikat fil-punt 8.8. għandu ġeneralment ikunu l-ammont stabbilit fis-sentenza, fit-transazzjoni ġudizzjarja permezz tal-qorti jew fl-istrument awtentiku. Madankollu, jekk id-debitur ikun diġà ħallas parti mid-dejn tiegħu u tkun qiegħda ssir biss pretensjoni għall-ammont li jibqa', għandu jkun dak l-ammont u l-imgħax fuq dak l-ammont, jekk applikabbli, li jiġi indikat fil-punt 8.8. Barra minn hekk, jekk id-debitur ikun diġà ħallas parti mid-dejn tiegħu u tkun qiegħda ssir pretensjoni biss dwar l-ammont li jibqa', jekk jogħġbok ikkonferma -billi timmarka l-kaxxa rilevanti fil-punt 8.9.2.1. — jekk inti tkun qiegħed ukoll tagħmel pretensjoni għall-imgħax mhux imħallas fuq il-parti tad-dejn diġà mħallsa mid-debitur (f'dan il-każ, meta timla' l-formola fuq il-karta, jekk jogħġbok uża folja separata għall-imgħax mitlub fuq il-parti tad-dejn li tkun diġà tħallset mid-debitur (il-punt 8.8.1) u agħti numru lil kull paġna).

Jekk jogħġbok ehmeż kopja tas-sentenza, tat-transazzjoni ġudizzjarja permezz tal-qorti, jew tal-istrument awtentiku li tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa biex tiġi stabbilita l-awtentiċità tagħhom.

8. Dettalja dwar sentenza, transazzjoni ġudizzjarja permezz tal-qorti jew strument awtentiku eżistenti

8.1. L-isem tal-qorti/awtorità oħra:

8.2. Indirizz

8.2.1. Triq u numru/kaxxa postali:

8.2.2. Post u kodiċi postali:

8.2.3. Stat Membru (jekk jogħġbok speċifika l-kodiċi tal-pajjiż):

8.3. Telefown: (*)

8.4. Faks: (*)

8.5. Posta elettronika: (*)

8.6. Data tas-sentenza, tat-transazzjoni ġudizzjarja permezz tal-qorti jew tal-istrument awtentiku: (jj/xx/ssss)

8.7. Il-munita tal-ammont mogħti fis-sentenza, ifit-transazzjoni ġudizzjarja permezz tal-qorti tal-qorti jew fl-istrument awtentiku:

Euro (EUR)	Kuna Kroata (HRK)	Leu Rumen (RON)
Lev Bulgaru (BGN)	Forint Ungeriż(HUF)	Krona Svediża (SEK)
Koruna Ċeka (CZK)	Zloty Pollakka (PLN)	Oħrajn (speċifika (kodiċi ISO)):

8.8. Ammont:

8.8.1. Ammont prinċipali mogħti fis-sentenza, fit-transazzjoni ġudizzjarja permezz tal-qorti jew l-istrument awtentiku:

8.8.1.1. Jekk applikabbli ⁽¹⁾, jekk jogħġbok indika l-parti mhux imħallsa tal-ammont prinċipali mogħti:

8.8.1.2. Jekk applikabbli ⁽¹⁾, jekk jogħġbok indika l-parti mħallsa tal-ammont prinċipali mogħti:

8.8.2. Imgħax, jekk applikabbli:

8.8.2.1. Imgħaxijiet:

8.8.2.1.1 Mhux speċifikat fis-sentenza, fit-transazzjoni ġudizzjarja permezz tal-qorti jew fl-istrument awtentiku

8.8.2.1.2. Speċifikat fis-sentenza, fit-transazzjoni ġudizzjarja permezz tal-qorti jew l-istrument awtentiku kif ġej:

8.8.2.1.2.1. Imgħax dovut minn: (data (jj/xx/ssss) jew avveniment) sa

(data (jj/xx/ssss) jew avveniment) sa⁽²⁾(data (jj/xx/ssss) jew avveniment) sa

8.8.2.1.2.2. Ammont finali:

jekk jogħġbok speċifika

jew

8.8.2.1.2.3. Metodu biex jiġi kkalkolat l-imgħax ⁽³⁾

8.8.2.1.2.3.1. Rata:

%, ikkalkulata (jekk jogħġbok immarka l-kaxxa rilevanti)

kuljum

kull xahar

kull sena

oħra (jekk jogħġbok speċifika):

8.8.2.1.2.3.2. Rata:

BĊE/rata ta' referenza tal-bank ċentrali nazzjonali:

calculated

kuljum

kull xahar

kull sena

oħra (jekk jogħġbok speċifika):

fis-seħħ minn (data (jj/xx/ssss) jew avveniment):

8.8.2.2. Interest statutorju (jekk ikun applikabbli l-interest statutorju) li għandu jiġi kkalkolat skont (jekk jogħġbok speċifika l-istatut rilevanti):

8.8.2.2.1. Imgħax dovut minn:(data (jj/xx/ssss) jew avveniment) sa(data (jj/xx/ssss) jew avveniment) sa

sa: (data (jj/xx/ssss) jew avveniment)⁽¹⁾

8.8.2.2.2. Metodu biex jiġi kkalkolat l-imgħax⁽²⁾

8.8.2.2.2.1. Rata:

%

8.8.2.2.2.2. Rata:

% 'il fuq mir-rata ta' referenza

BĊE/rata ta' referenza tal-bank ċentrali nazzjonali:

fis-seħħ minn (data (jj/xx/ssss) jew avveniment):

8.8.2.2.2.2.1. L-ewwel data tas-semestru rispettiv fejn id-debitur kien imissu ġa tħallas

8.8.2.2.2.2.2. Avveniment ieħor (jekk jogħġbok speċifika)

8.8.2.3. Kapitalizzazzjoni tal-interessi (jekk kapitalizzazzjoni tal-imgħax huwa applikabbli, jekk jogħġbok ipprovdidi d-dettalji):

8.8.3. L-ispejjeż biex tinkiseb is-sentenza, it-transazzjoni ġudizzjarja permezz tal-qorti jew l-istrument awtentiku, sakemm ikun ġie ddeterminat li dawk l-ispejjeż għandhom jiġġarbu mid-debitur:

Le

Iva. Jekk jogħġbok speċifika liema spejjeż u indika l-ammont:

Spejjeż tal-qorti:

Spejjeż tal-avukati:

Spejjeż għan-notifika tad-dokumenti:

Oħrajn Jekk jogħġbok spjega:

8.8.3.1. Il-munita:

Euro (EUR)	Kuna Kroata (HRK)	Leu Rumun (RON)
Lev Bulgaru (BGN)	Forint Ungeriż(HUF)	Krona Svediża (SEK)
Koruna Ċeka (CZK)	Zloty Pollakka (PLN)	Oħrajn (speċifika (kodiċi ISO)):

8.9. Nikkonferma li s-sentenza, it-transazzjoni ġudizzjarja permezz tal-qorti jew l-istrument awtentiku:

8.9.1. għadha ma ġietx eżegwita mid-debitur

8.9.2. ġiet eżegwita mid-debitur parzjalment biss, u li l-ammont indikat fil-punt 8.8. huwa l-ammont pendenti (f'dan il-każ, jekk jogħġbok imla wkoll il-punt 8.9.2.1 hawn taħt).

8.9.2.1. Jekk id-debitur ikun diġà ħallas parti mid-dejn tiegħu u tkun qiegħda ssir pretensjoni biss għall-ammont li jibqa', jekk jogħġbok ikkonferma jekk intix qiegħed ukoll titlob l-imgħax mhux imħallas fuq il-parti tad-dejn diġà mħallas mid-debitur.

Le, jiena minix qiegħed nitlob l-imgħax fuq il-parti mid-dejn diġà mħallsa mid-debitur.

Iva, qiegħed nitlob l-imgħax mhux imħallas fuq il-parti mid-dejn diġà mħallsa mid-debitur. F'dan il-każ, meta timla l-formola fuq il-karta, jekk jogħġbok uża folji separati għall-imgħax mitlub fuq il-parti tad-dejn li tkun diġà tħallset mid-debitur (il-punt 8.8.1) u aġti numru lil kull paġna).

9. L-ammont tal-pretensjoni u r-raġunijiet tagħha (ma għandhiex timentela jekk tkun imlejt it-taqsima 8)

Jekk int ma tkunx għadek ksibt sentenza, transazzjoni ġudizzjarja permezz tal-qorti jew strument awtentiku li jobbliga d-debitur biex jħallas il-pretensjoni tiegħek, l-Ordni ta' Preservazzjoni tista' tingħata biss jekk tippreżenta l-fatti rilevanti, li jkunu sostanzjali b'mod raġonevoli b'evidenza, sabiex il-qorti tkun sodisfatta li l-pretensjoni tiegħek kontra d-debitur tkun tidher li hija fondata għall-ammont li għalih tkun qiegħda tintalab l-Ordni ta' Preservazzjoni (l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 655/2014). Jekk jogħġbok elenka l-evidenza fit-taqsima 12 ta' din il-formola.

L-attenzzjoni tiegħek tingħbed lejn il-fatt li meta inti titlob li l-Ordni ta' Preservazzjoni tingħata f'ammont inqas mill-ammont tal-pretensjoni prinċipali, pereżempju, minħabba li inti tkun diġà ksibt xi garanzija oħra għal parti mill-pretensjoni tiegħek, għandu jkun l-ammont aktar baxx (u l-imgħax fuq dan l-ammont, jekk applikabbli) li jitniżżel fil-punt 9.1.

9. L-ammont u r-raġunijiet tat-pretensjoni

9.1. L-ammont tas-somma prinċipali tat-pretensjoni:

9.2. Qiegħed jintalab imgħax?

Le

Iva

Jekk iva, l-ammont huwa:

Imgħax kuntrattwali (jekk iva, ara l-punt 9.2.1.)

Imgħax statutorju (jekk iva, ara l-punt 9.2.2.)

9.2.1. Jekk kuntrattwali

⁽¹⁾ir-rata hija: %,

ikkalkulata (jekk jogħġbok immarka l-kaxxa rilevanti)

kuljum

kull xahar

kull sena

oħra. Jekk jogħġbok speċifika:

ir-rata hija: % 'il fuq mir-rata ta' referenza (BĊE/rata ta' referenza tal-bank ċentrali nazzjonali:

BĊE/rata ta' referenza tal-bank ċentrali nazzjonali:

kuljum
kull xahar
kull sena
oħra. Jekk jogħġbok speċifika:

⁽²⁾ I-imgħax dovut minn

9.2.2. Jekk statutorju

I-imgħax dovut minn

li għandu jiġi kkalkulat skont (jekk jogħġbok speċifika l-istatut rilevanti):

9.3. L-ammont ta' penali kuntrattwali:

9.4. Munita:

Euro (EUR)	Kuna Kroata (HRK)	Leu Rumen (RON)
Lev Bulgaru (BGN)	Forint Ungeriż(HUF)	Krona Svediża (SEK)
Koruna Ċeka (CZK)	Zloty Pollakka (PLN)	Oħrajn (speċifika (kodiċi ISO)):

9.5. Jekk jogħġbok iddeskrivi ċ-ċirkustanzi rilevanti li fuqhom hija bbażata l-pretensjoni kontra d-debitur (inkluż, fejn applikabbli, l-imgħax mitlub):

10. Raġunijiet biex tintalab Ordni ta' Preservazzjoni

L-Ordni ta' Preservazzjoni tista' tingħata biss jekk inti tippreżenta fatti rilevanti li juru li l-pretensjoni tiegħek għandha l-ħtieġa urġenti ta' protezzjoni ġudizzjarja u li, mingħajr l-Ordni ta' Preservazzjoni, l-infurzar ta' sentenza eżistenti jew futura jew xi titolu eżekuttiv ieħor kontra d-debitur jista' jixekkel jew isir sostanzjalment aktar diffiċli minħabba li jkun hemm riskju reali li, sakemm tinforza sentenza eżistenti jew futura jew xi titolu eżekuttiv ieħor, jista' jiġri li d-debitur ikun berbaq, ħeba jew qered l-assi tiegħu miżmuma fil-kont(ijiet) bankarju/i li għandhom jiġu ppreservati, jew li d-debitur ikun iddispona minnhom bi prezz anqas mill-valur tagħhom, fi kwantità mhux normali jew permezz ta' azzjoni mhux tas-soltu. (Premessa 14 flimkien mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 655/2014).

10. Raġunijiet biex tintalab Ordni ta' Preservazzjoni

10.1. Jekk jogħġbok spjega għaliex hemm bżonn urġenti għall-Ordni ta' Preservazzjoni u, b'mod partikolari, riskju reali li, mingħajr l-Ordni ta' Preservazzjoni, l-infurzar sussegwenti tal-pretensjoni tiegħek kontra d-debitur jkun imxejkel jew isir sostanzjalment aktar diffiċli (l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) Nru 655/2014):

10.2. Fejn issir talba biex tinkiseb informazzjoni dwar il-kont (it-Taqsima 7) meta s-sentenza, it-transazzjoni ġudizzjarja permezz tal-qorti jew l-istrument awtentiku ma jkunux għadhom eżekuttivi u l-ammont li għandu jiġi preservat ikun sostanzjali meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi rilevanti, jekk jogħġbok spjega għaliex hemm riskju li, mingħajr dik l-informazzjoni dwar il-kont, l-infurzar sussegwenti tal-pretensjoni tiegħek kontra d-debitur x'aktarx tkun ippreġudikata u li dan konsegwentement jista' jwassal għal deterjorament sostanzjali tas-sitwazzjoni ekonomika tiegħek (l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 655/2014):

11. Garanzija

Jekk jogħġbok imla' din it-taqsima jekk tkun għandek ma ksibtx sentenza, transazzjoni ġudizzjarja permezz tal-qorti jew strument awtentiku li tobbliga d-debitur biex iħallas il-pretensjoni tiegħek u int ikollok raġuni għax titlob eżenzjoni mill-għoti ta' garanzija.

L-attenzjoni tiegħek tinġibed lejn il-fatt li qabel ma tinħareġ Ordni ta' Preservazzjoni f'każ fejn il-kreditur ma jkunx għadu kiseb sentenza, transazzjoni ġudizzjarja permezz tal-qorti jew strument awtentiku, il-qorti titlob li l-kreditur jagħti garanzija ta' ammont li jkun biżżejjed biex tevita l-abbuż tal-proċedura u biex tiżgura kumpens għal kwalunkwe dannu mġarrab mid-debitur b'riżultat tal-Ordni ta' Preservazzjoni. B'eċċezzjoni, il-qorti tista' tagħti eżenzjoni mir-rekwiżit ta' garanzija jekk tqis li l-forniment ta' garanzija ma jkunx xieraq fiċ-ċirkostanzi tal-każ (l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) Nru 655/2014).

Meta l-kreditur ikun diġà kiseb sentenza, transazzjoni ġudizzjarja permezz tal-qorti jew strument awtentiku, il-qorti tista', qabel ma toħroġ l-Ordni ta' Preservazzjoni, titlob lill-kreditur jipprovdni garanzija jekk tqis li dan ikun meħtieġ u adatt fiċ-ċirkostanzi tal-każ, pereżempju, meta dik is-sentenza tkun għadha saret eżekuttiva jew tkun biss proviżorjament eżekuttiva minħabba xi appell pendenti (l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE) Nru 655/2014).

11. Ir-raġunijiet biex tingħata eżenzjoni milli tingħata garanzija

Jekk inti temmen li għandek tiġi eżentat milli tagħti garanzija skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) Nru 655/2014, jekk jogħġbok indika r-raġunijiet:

12. Evidenza

Jekk jogħġbok indika f'din it-taqsima il provi kollha miġjuba li jissostanzjaw ir-rikors tiegħek għal Ordni ta' Preservazzjoni. L-attenzjoni tiegħek tinġibed lejn il-fatt li inti tkun trid tippreżenta biżżejjed provi li permezz tagħhom tissodisfa lill-qorti li quddiemha tkun qiegħed tapplika għal Ordni ta' Preservazzjoni li jkun hemm hteġa urġenti ta' miżura protettiva fil-forma ta' Ordni ta' Preservazzjoni għax ikun hemm riskju reali li, mingħajr dik il-miżura, l-infurzar sussegwenti tal-pretensjoni tiegħek kontra d-debitur jkun ostakolat jew isir sostanzjalment aktar diffiċli (l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 655/2014).

Barra minn hekk, l-attenzjoni tiegħek tinġibed ukoll lejn il-fatt li jekk ma tkunx għadek ksibt sentenza, transazzjoni ġudizzjarja permezz tal-qorti jew strument awtentiku li jobbliga d-debitur biex iħallas il-pretensjoni tiegħek, skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 655/2014 inti tkun trid tippreżenta wkoll biżżejjed provi li permezz tagħhom tissodisfa l-qorti li huwa probabbli li inti jkollok suċċess fuq il-mertu tal-pretensjoni tiegħek kontra d-debitur (jekk jogħġbok ara t-Taqsima 9 ta' din il-formola).

12. Lista tal-provi

Jekk jogħġbok elenka l-provi kollha li jissostanzjaw r-rikors tiegħek għal Ordni ta' Preservazzjoni, inkluża l-evidenza li tissostanzja l-pretensjoni tiegħek kontra d-debitur (jekk ma tkunx għadek ksibt sentenza, transazzjoni ġudizzjarja permezz tal-qorti jew strument awtentiku li tobbliga lid-debitur iħallas il-pretensjoni tiegħek) u l-hteġa urġenti għall-Ordni ta' Preservazzjoni:

13. Qrati oħra li quddiemhom jitressaq rikors għal miżuri protettivi

F'din it-taqsima, jekk jogħġbok indika jekk inti tkunx applikajt għal xi miżura protettiva, jew jekk tkunx ksibtha skont il-liġi nazzjonali, li jkollha effett ekwivalenti għal Ordni ta' Preservazzjoni. L-attenzjoni tiegħek tinġibed lejn il-fatt li skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 655/2014 inti għandek tinforma lill-qorti li quddiemha jkun tressaq ir-rikors għall-ħruġ ta' Ordni tal-Preservazzjoni f'każ li inti tikseb ordni nazzjonali ekwivalenti aktar tard waqt il-proċedimenti għall-ħruġ ta' Ordni ta' Preservazzjoni.

13. Dettalji ta' xi miżuri nazzjonali ta' protezzjoni miksuba jew mitluba

13.1. Inti applikajt għal ordni nazzjonali ekwivalenti kontra l-istess debitur u għall-istess pretensjoni?

Le

Iva. Jekk jogħġbok agħti d-dettalji dwar ir-rikors u l-istatus tiegħu fil-punti 13.2-13.6

13.2. Isem tal-qorti jew awtorità oħra:

13.3. Indirizz tal-qorti jew awtorità oħra

13.3.1. Triq u numru/kaxxa postali:

13.3.2. Post u kodiċi postali:

13.3.3. Stat Membru (jekk jogħġbok speċifika l-kodiċi tal-pajjiż):

13.4. In-numru ta' referenza tar-rikors:

13.5. Inti diġà ksibt l-ordni nazzjonali?

Iva. Jekk jogħġbok indika sa liema punt din ġiet implimentata:

Le

13.6. Ir-rikors tiegħek ġie miċħud bħala inammissibbli jew infondat?

Iva. Jekk jogħġbok agħti d-dettalji rilevanti:

Le

14. Kont bankarju tal-kreditur

Tista' tindika l-kont bankarju tiegħek li għandu jintuża għal xi ħlas volontarju tal-pretensjoni mid-debitur (l-Artikolu 8(2)(n) tar-Regolament (UE) Nru 655/2014).

14. Dettalji dwar il-kont bankarju tal-kreditur

14.1. In-numru tal-kont bankarju tal-kreditur:

14.2. L-isem u l-indirizz tal-bank (triq u numru/kaxxa postali, post u kodiċi postali, pajjiż (jekk Stat Membru, jekk jogħġbok indika l-kodiċi tal-pajjiż)):

15. Data u firma

Jekk jogħġbok kun ċert li tikteb ismek b'mod ċar u li tiffirma u tniżżel id-data tar-rikors tiegħek fl-aħħar.

B'dan qiegħed nitlob li l-qorti, fuq il-bażi tar-rikors tiegħi, toħroġ Ordni ta' Preservazzjoni kontra d-debitur.

Niddikjara li l-informazzjoni mogħtija f'dan ir-rikors hija vera u kompluta sa fejn jiddependi minni u li jiena konxju li kwalunkwe dikjarazzjoni deliberatament falza jew mhux kompleta tista' twassal għal konsegwenzi legali skont il-liġi tal-Istat Membru li fih qiegħed isir ir-rikors jew għal responsabbiltà skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 655/2014.

B'dan nitlob li tinkiseb l-informazzjoni dwar il-kont tad-debitur (jekk jogħġbok immarka din il-kaxxa biss jekk tkun qiegħed tagħmel talba biex tikseb informazzjoni dwar il-kont u għalhekk tkun imlejt it-taqsimha 7 ta' din il-formola).

Jekk ġew miżjuda folji addizzjonali, jekk jogħġbok iddikjara l-għadd totali ta' paġni u agħti numru lil kull paġna:

Magħmul fi:

(id-data (jj/xx/ssss))

Isem, firma u/jew timbru:

^(*) Fakultattiv

⁽¹⁾ Għandha timtela' jekk, fil-każ fejn id-debitur ikun diġà ħallas parti mid-dejn tiegħu u tkun qiegħda ssir pretensjoni biss fuq l-ammont li jibqa', il-kreditur ikun qiegħed ukoll jagħmel pretensjoni fuq l-imgħax mhux imħallas fuq il-parti tad-dejn diġà mħallas mid-debitur.

⁽²⁾ Niżżel l-informazzjoni għall-perjodi kollha jekk hemm aktar minn perjodu wieħed.

⁽³⁾ Jekk ikun hemm rati tal-imgħax differenti għal perjodi differenti, meta timla' l-formola fuq il-karta, jekk jogħġbok uża folji separati u agħti numru lil kull paġna.